**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 t' Ottubru 2019

Rikors Numru: 218/15 AL

A B

Vs

C D, E D, G H, I J, K L, M H, N H u O P aħwa H ulied id-defunt Q H, R S, T U, V H fil-kwalita' tagħhom ta' werrieta tad-defunt X H u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' A B li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. L-esponenti twieldet nhar it-12 ta' Marzu, 1972 ġewwa l-Isptar San Luqa, Pieta' u dan kif jirriżulta mill-att tat-twelid tagħha li għandu n-numru ta' reġistrazzjoni progressiv 1473 tas-sena 1972, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dokument JM1";

2. Omm l-esponenti hija l-konvenuta E D;

3. Fuq l-att tat-twelid tal-esponenti ġie mniżżel li hija bint C D peress li ommha, il-konvenuta E D, kienet legalment miżżewġa lill-istess C D;

4. L-esponenti taf li pero' l-missier naturali u bijoloġiku tagħha ma huwiex l-imsemmi C D iżda d-defunt X H, iben Y u Z née F, imwieled u kien joqgħod Ħaż-Żebbuġ, li kellu l-karta ta' l-identita' bin-numru, li illum huwa mejjet;

5. L-esponenti taf li l-missier naturali u bijoloġiku tagħha huwa l-imsemmi X H għaliex, fost l-oħrajn, kemm il-konvenuti C D u martu E D kif ukoll l-istess X H kienu infurmawha dwar dan il-fatt. Id-defunt X H kien jitratta lill-esponenti bħala t-tifla tiegħu. Inoltre dan il-fatt jista' jiġi ippruvat empirikament billi jsiru t-testijiet ġenetiċi dwar il-paternita' tal-esponenti billi jittieħdu kampjuni ġenetiċi minn fuq l-esponenti u jitqabblu ma' dawk tad-defunt X H;

6. Il-konvenuti l-oħra G H, I J, K L, R S, T U, V H huma lkoll aħwa H ulied u werrieta tad-defunt X H filwaqt illi l-konvenuti M H, N H u Pricilla P huma ulied id-defunt Q H li kien ukoll wild u werriet tad-defunt X H;

7. L-esponenti għandha kull interess li tistabilixxi l-filjazzjoni tagħha u għalhekk hija kellha tagħmel dina l-kawża. L-esponenti tiddikjara i dawn il-fatti kollha hija tafhom personalment;

Talbet wara li jsiru dikjarazzjonijiet neċessarji u jingħataw il-provvedimenti opportuni, il-konvenuti jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-esponenti hija t-tifla ta' X H, iben Y u Z nee' F, imwieled u kien joqgħod Ħaż-Zebbuġ, li kellu l-karta tal-identita' bin-numru 657327 (M), li llum huwa mejjet; tiddikjara u tiddeċiedi li l-esponenti mhijiex t-tifla ta' C D u dana wara li jsiru t-testijiet ġenetiċi

dwar il-paternita' tal-esponenti minn espert fil-qasam lil dina l-Qorti jogħġobha taħtar għal dan l-iskop.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet kollha meħtieġa fl-att ta' twelid tal-esponenti li għandu n-numru ta' reġistrazzjoni progressiv 1473 tas-sena 1972 u jagħmel dawk l-annotazzjonijiet kollha neċessarji fl-istess att tat-twelid skond ma jiġi deċiż fis-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti sabiex fil-kolonna intitolata "isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" jiġi kanċellat isem C D u minflok jitniżżel l-isem X H u l-konnotati kollha tiegħu inklużi li l-istess X H kien iben Y u Z nee' F, imwieled u kien joqgħod Ħaż-Żebbuġ, li kellu l-karta tal-identita' bin-numru 657327 (M), li llum huwa mejjet u kull dettall ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa stess inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti G H u T U (a fol 15) li permezz tagħha esponew:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu r-rabta tal-filjazzjoni tiddixxendi qabel kollox mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 78 u 80 tal-Kodiċi Ċivili, kombinati flimkien, u f'dan il-każ sija l-att tat-twelid kif ukoll l-istat ta' fatt jiddemostraw min huma l-ġenituri tal-attriċi.

2. Ma jikkompetix li l-attriċi li ġġib stat kuntrarju għal dak li jingħad fl-att tat-twelid tagħha, u dan, kif inhu dispost fl-artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili;

3. Illi huwa inkonċepibbli kif l-attriċi, li għandha 42 sena, qegħdha tipproponi din l-istanza wara d-deċess ta' X H, li hi qegħda tallega li hu l-missier naturali tagħha, jekk mhux biex sempliċement tipparteċipa minn ġidu, li ġja tqassam bejn l-ulied leġittima, u għaliex taf li kien bniedem fakoltuż;

4. Bla preġudizzju għal premess, l-esponenti m'għandhomx ibatu ebda parti mill-ispejjes ta' din il-proċedura.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti K L, I J, R S, V H u l-werrieta' tad-decuius Q H u ċjoe O P, N H, Silvio H u T H bħala kurattriċi ad litem tal-minuri M H (a fol 22) li permezz tagħha esponew:

1. Illi l-eċċipjenti jopponu għall-ewwel talba kif ukoll għat-tieni talba tal-attriċi stante li l-attriċi, A B, m'hijiex il-wild naturali ta' missierhom, u ċjoe tad-defunt X H;
2. Illi l-eċipjenti jsostnu illi l-allegazzjonijiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma qatt f'għomorhom ma semgħu bl-eżistenza tal-attriċi qabel ma kienet bagħtet ittra bonarja datata t-28 ta' Lulju 2015, u jinstabu sorpriżi kif hija fir-rikors ġuramentat tagħha qed tallega li missierhom "kien jittratta lill-esponenti bħala t-tifla tiegħu";
3. Illi inoltre l-eċċipjenti jsostnu li l-azzjoni tal-attriċi hija waħda intempestiva u ippernjata fuq motivi ulterjuri, stante li ma jistgħux jifhmu għaliex is-sinjura B stenniet disa' snin wara l-mewt ta' missierhom sabiex tintavola dina l-kawża.
4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku (a fol 25) li permezz tagħha espona:

1. Illi preliminarjament l-esponenti jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddikorri;
2. Illi in vena preliminari, ir-rikorrenti għandha ġġib prova li l-konvenuti l-oħra huma l-ulied u l-werrieta kollha tad-decujus X H;
3. Illi bla ħsara u fl-ewwel lok, l-esponent jirrileva li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li ġjaladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tar-rikorrenti A B, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tal-imsemmija rikorrenti, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal-proċediment tal-azzjoni odjerna.
4. Illi bla ħsara għal premess, l-esponent jeċepixxi illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tagħha , ommha kellha relazzjoni extramaTli mad-defunt X H, u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista’ wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jeskludu lir-raġel ta’ omm ir-rikorrenti, C D, bħala l-missier naturali tar-rikorrenti, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.
5. Illi fl-istess waqt, mingħajr ħsara għas-suespost, ir-rikorrenti A B trid ukoll tegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta’ stat tagħha ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha bin-numru ta’ reġistrazzjoni progressiv elf, erba’ mija, tlieta u sebgħin (1473) tas-sena elf, disa’ mija, tnejn u sebgħin (1972);
6. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, qed jiġi rilevat li fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternita’ tar-rikorrenti A B, l-esponent

naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti dsbiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil konvenuti eredi ta' X H sabiex jippreżentaw d-dettalji personali kollha tad-defunt X H, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-identita' li huwa kellu, (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta' tiegħu meta twieldet ir-rikorrenti A B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post tar-residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija rikorrenti, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet ir-rikorrenti. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inseT fl-Att ta' Twelid tal-fuq rifeT A B, bin-numru ta' reġistrazzjoni progressiv elf, erba' mija, tlieta u sebgħin (1473) tas-sena elf, disa' mija, tnejn u sebgħin (1972);

8. Illi bla ebda preġudizzju għal premess, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi r-rikorrenti A B għandha tiddeċiedi b' mod definittiv liema kunjom għandha tassumi a tenur tal-Artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, f' każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li jiġu mneħħija l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem C D, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru ta' reġistrazzjoni progressiv elf, erba' mija, tlieta u sebgħin (1473) tas-sena elf, disa' mija, tnejn u sebgħin (1972);

10. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża isF;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut direttur;

**Preliminari**

Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet minnu rtirata fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2016.[1]

**Provi**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid ippreżentat bħala Dok JM1[2], u fid-dettalji tal-missier hemm l-isem C D.

Permezz tal-affidavit tagħha[3] Doris D, omm ir-rikorrenti spjegat li llum għandha 73 sena u fl-eta` ta' għoxrin sena kienet iżżewġet lil C D, u hi kellha diġà tlett itfal żgħar f'dak iż-żwieġ, meta kienet iltaqgħet u bdiet tifrekwenta lil X H u bagħet tiltaqa' miegħu għal perjodu ta' sitt xhur u kienet intima miegħu. Qalet li konsegwentement kienet inqabdet tqila mir-relazzjoni ma' X H, u H kien anke informa lir-raġel tagħha b'dan, u fil-fatt meta żewġha ra kemm A B kienet tixbah lil X H kien qallha biex tmur biha għand ommha, u minn dakinhar l hawn hi u żewġha ma baqgħux igħixu flimkien ta' miżżewġin. Żiedet tgħid li meta bdiet tikber A, saret taf u hi rrakontatilha l-istorja kollha, u sussegwentement A iltaqgħet ma missierha X H, u hu qatt ma kien ċahad li kienet bintu.

[1] Verbal fol. 31
[2] Fol. 5
[3] Fol. 49

Rat l-affidavit ta' C D[4], li permezz tiegħu qal li kien miżżewweġ lil E D, u matul iż-żwieġ twieldu erbat itfal, Georgina, Jerry, V u A. Malli martu kienet infurmatu li tqila b'A, hu mill-ewwel kien ġieh suspett, kien sussegwentement infurmat li t-tarbija li kienet qed tistenna martu kienet tiegħu. Żied igħid li meta twieldet A l-isptar, hu mar l-isptar u meta ra li t-tarbija kienet tixbah ħafna lil X H, hu qal lil martu biex tmur għand ommha bit-tarbija u hi kienet ħadet lit-tlett ulied l-oħra wkoll.

Rat l-affidavit ta' Georgina Zammit[5] fejn spjegat li hi bint C D u E D, u hi l-akbar mill-ahwa. Qalet li wara t-twelid ta' ohtha A, ommha u missierha kienu infirdu u hi flimkien ma' ħutha marru joqgħodu ma' ommhom għand in-nanna. Meta kibret oħtha A, xi ħadd kien tennielha li hi bint X H u sussegwentement ommha D kienet qalet kollox kemm lilha u kif ukoll lil A.

Rat ir-rapport tad-DNA redatt minn Dr. Marisa L ippreżentat fit-18 ta' April 2016.[6] Dr. L ikkonfermat li hi ingħatat il-kampjuni orali ta' A B (I.D.147372M) u ta' C D (I.D. 956444M). Minn dawn il-kampjuni gie kkonfermat li C D mhuwiex il-missier bijoloġiku ta' A B. F'test ulterjuri li sar, ittieħdu l-kampjuni orali ta' R S (I.D. 133463M), I J (I.D. 485758M), Z L (I.D.52655M), V H (I.D. 98770M) u ta' A B (I.D. 147372M). Difatti, minn dan it-test, gie kkonfermat fir-rapport bin-numru PT1801227 ta' Dr. Marisa L li 99.91% missier dawn il-persuni huwa wkoll il-missier ta' A B.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba da parti tar-rikorrenti relatata mal-paternita` tagħha, stante li qed jiġi allegat li għalkemm hija twieldet fiż-żmien meta l-intimati C D u E D kienu għadhom legalment miżżewġin, hi mhijiex bint C D iżda hija bint X H. Għalhekk, qed tintalab dikjarazzjoni li

[4] Fol. 57
[5] Fol. 58-59
[6] Fol. 44 et seq.

r-rikorrenti mhijiex il-wild naturali ta' C D iżda ta' X H, illum defunt, u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha.

Għalhekk, f'dan il-kaz, il-Qorti hija rinfaċċjata minn talba dwar il-paternita` mill-wild innifisha u cjoe`, r-rikorrenti. Illi l-wild għandu l-fakolta li dejjem u meta jrid iressaq provi illi jindikaw illi l-istat tiegħu mhuwiex konformi maċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, u għaldaqstant jitlob lill-Qorti sabiex isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa. Isegwi għalhekk, li t-talba tal-iben jew bint innifishom ma tiġix preskritta. Dan bis-saħħa tal-artikolu 83 u 84 tal-Kodiċi Ċivili li jistipulaw:

L-Artikolu 83 jiddisponi:

"Il-prova kuntrarja tista' ssir b'xhieda li turi li min jitlob l-istat mhux bin il-persuna illi hu jgħid li welditu, inkella, meta din hija pprovata, illi hu mhux bin il-parti l-oħra taż-żwieġ."

L-Artikolu 84 jipprovdi:

"M'hemmx preskrizzjoni għall-azzjoni għal tifel biex jistabilixxi l-filjazzjoni proprja tiegħu."

Fid-dawl ta' dan, l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, dwar il-fatt li l-każ odjern ġie istitwit snin wara l-mewt ta' X H, ma jreġux. Għalhekk, tiċħad it-tielet eċċezzjoni ta' G H u T U, u tiċħad ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti K L, I J, R S u V H u l-werrieta tad-decujus Q H, u cjoe` O P, Mathew H, Silvio H u T H bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri M H. Tiċħad ukoll it-tielet eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Referibbilment għat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti G H u T U, b'referenza għall-artikolu 81 tal-Kodici Ċivili, jingħad, li l-iben innifsu għandu d-dritt għal azzjoni ta' din ix-xorta ai termini tal-artikolu 84. Illi l-artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben leġittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.

(2) Hekk ukoll ħadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben leġittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tiegħu.

Illi huwa evidenti li l-ħsieb tal-liġi huwa dak li jipproteġi l-istat ta' leġittimita tal-persuna, ladarba din twieldet fiż-żwieġ, u ladarba l-istat tal-wild minuri jkun huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll ħajja tiegħu, hekk miżmum fir-realta soċjali bħala iben l-istess konjuġi. (Ara Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et, P.A. – 10 ta' Mejju 1996).

Fil-fatt, l-artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li:

"L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin il-konjuġi".

Difatti, fir-risposta tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ġie wkoll eċċepit li trid tiġi sorvolata d-disposizzjoni tal-artikolu 81 tal-Kap 16, u r-rikorrenti għandha tipprova b'mod adegwat il-każ tagħha.

Fil-każ in eżami, jidher, li għalkemm A B tnisslet matul iż-żwieġ ta' C D u E D, minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-ligi, partikolarment l-artikolu 67 tal-Kap16, l-istess rikorrenti ġiet imniżżla li hija bint C D.

Għalhekk ir-rikorrenti għandha d-dritt tipproċedi bil-każ odjern, u t-talbiet tagħha jistgħhu jintlaqgħu kemm il darba hija tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti, l-mertu tal-kaz.

F’dan il-kuntest, ta’ min isemmi dak enuncjat fil-kaz Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku , P.A. (RCP) – 13 ta’ Jannar 1999 fejn ingħad:

“Dwar l-artikolu 81… jiġi indikat li tali artikolu mhuwiex ta’ ostakolu għall-azzjoni odjerna, peress li jidher ċar mis-segwenti fatti fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pusess ta’ stat ta’ iben leġittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna indikata kienet ilha nieqsa … u ommu kienet tgħix biss mal-attur.” (Ara wkoll G Ellul vs Dr. Anthony Cutajar et, P.A. (RCP) – 10 ta’ Diċembru 2002).

Ghaldaqstant, tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti G H u T U.

In vista tas-suespost, il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina l-mertu tal-każ in eżami, u cjoe jekk ir-rikorrenti ippruvatx effettivament li hija bint id-defunt X H.

L-aqwa provi f’kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern, mhux biss eskludew li r-rikorrenti mhijiex il-wild naturali ta’ C D, iżda gie wkoll ulterjorment ippruvat li X H, illum defunt huwa 99.91% missier ir-rikorrenti wkoll, minbarra li kien ukoll missier naturali ta’ l-intimati R S, I J, Z L u V H. It-testijiet xjentifiċi, hekk kif ikkonfermati bil-ġurament, jegħlbu kull preżunzjoni legali relatata mal-paternita` ta’ l-ulied imnissla fiż-żwieg u jelimina kull dubju dwar l-istess paternita`. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li A B hija l-wild naturali ta’ X H, illum defunt, u mhux tal-intimat C D.

Illi għalhekk, din il-Qorti ma tarax għalfejn m’għandhiex tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti.

In segwitu, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti G H u T U, kif elenkata a fol 15 tal-proċess, kif ukoll tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati l-oħra kif indikata f'fol 22 tal-proċess.

**Dwar il-kap tal-ispejjez**

Jirriżulta li n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet li l-kontestazzjoni prinċipali f'dan il-każ hija dwar l-ispejjeż. Fil-fatt, kif sottomess fis-sottomissjonijiet tal-intimati, ġie sostnut, li huma ma kinux jafu li d-defunt X H kellu wild barra ż-żwieġ, dan kif *del resto* ġie anke eċċepit tramite t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti a fol 22, li saru jafu b'dan biss meta rċevew ittra bonarja mingħand ir-rikorrenti datata 28 ta' Lulju 2015. L-intimati sostnew fis-sottomissjonijiet tagħhom, li ladarba din il-kawża hija biss fl-interess esklussiv tar-rikorrenti, din għandha sservi ta' eċċezzjoni għar-regola imsemmija fl-artikolu 223 tal-Kap 12, b'hekk m'għandhomx jeħlu l-ispejjeż.

Min-naha l-ohra, ir-rikorrenti sostniet fis-sottomissjonijiet tagħha, li hija kienet bagħtet ittra legali datata 28 ta' Lulju 2015[7], esebita bhala Dok A, kif ikkonfermat mill-istess konvenuti li eċċepew li rċevew din l-ittra, iżda l-intimati kienu baqgħu ma weġbux. Minbarra hekk fil-mori ta' dan il-każ, hija bagħtet ittra uffiċjali datata Frar 2016[8], sabiex iħallsu s-sehem spetF lilha mill-eredita` ta' X H, iżda baqqħu inadempjenti. Inoltre`, ġie sottolineat ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, li sabiex uħud mill-intimati ssottomettew ruħhom għat-test tad-DNA, għamlu hekk wara li r-rikorrenti kellha mill-gdid titlob l-intervent tal-Qorti[9] sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet xjentifiċi tad-DNA *ai termini* tal-Artikolu 70A tal-Kap 16.

Tenut kont ta' dawn il-fatti u ċirkostanzi u tenut kont tal-fatt li jekk l-intimati wieġbu, seta' jintlaħaq ftehim bejn il-kontendenti; għalhekk, m'hemmx lok

[7] Fol 134 et seq
[8] Fol.136 et seq
[9] Fol.104 et seq

għall-eċċezzjoni tar-regola għall-artikolu 223 tal-Kap 12, kwindi l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mill-intimati.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u mill-eċċezzjonijiet tal-intimati, kif spjegat, u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti hija bint X H, illum defunt, iben Y u Z nee` F, imwieled u joqgħod Ħaż-Żebbug, u tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti mhijiex bint C D, dan wara li saru t-testijiet xjentifiċi u ġenetici.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel l-annotazzjonijiet meħtieġa fl-att tat-twelid relattiv tar-rikorrenti ennumerat 1473/1972, sabiex fil-kolonna 'Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier' jitneħħa l-isem ta' C D u minflok jitniżżel isem X H u l-konnotati kollha tiegħu, inkluż li X H kien iben Y u Z nee` F imwieled u joqgħod Ħaż-Żebbug bil-karta tal-identita` numru 657327(M), illum defunt.

Bl-ispejjeż ikunu sopportati mill-intimati kollha, ħlief għall-intimat id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Dr. Abigail Lofaro

Imħallef

T Vella Baldacchino

Deputat Reġistratur